**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*
*Il-President*

13.7.2017

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (COM(2016)447 – 2016/0207(COD))

Sur President,

Matul il-laqgħa tal-Koordinaturi tal-11 ta' Lulju 2016, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda li jeżamina ex officio, skont l-Artikolu 39(3) tar-Regoli ta' Proċedura (RtP), il-bażi ġuridika tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (COM(2016)447). Barra minn hekk, permezz ta'ittra tal-15 ta' Novembru 2016, il-President tal-Kumitat għall-Iżvilupp talab lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 39 tar-RtP, biex jivverifika l-bażi ġuridika tal-imsemmija proposta leġiżlattiva. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 209(1) u 212(2) tat-TFUE dwar l-adozzjoni ta' miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-miżuri ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw rispettivament.

Il-kumitat eżamina il-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Lulju 2017.

## I - L-isfond

Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 (minn hawn 'il quddiem, "IcSP")[1] jistabbilixxi miżuri ta'

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi

assistenza teknika u finanzjarja maħsuba biex jipprevjentu u jirrispondu għall-kriżijiet u biex jikkontribwixxu għall-bini tal-istabbiltà u l-paċi. L-emendi proposti għall-IcSP huma maħsuba biex iżidu tip ġdid ta' assistenza tal-Unjoni mfassla b'mod speċifiku biex tibni l-kapaċità tal-atturi militari fil-pajjiżi terzi meta jseħħu ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-proposta tal-Kummissjoni tirriżulta mill-fatt li hemm **rabta mill-qrib bejn is-sigurtà u l-iżvilupp**, u tipprevedi appoġġ għas-sistemi ta' sigurtà tal-pajjiżi sħab bħala parti minn proċess ta' riforma usa' biex tiġi pprovduta sigurtà effikaċi u responsabbli lill-Istat u lill-individwi, u b'hekk isir kontribut għall-objettivi tal-UE ta' żvilupp inklussiv u sostenibbli u l-istat tad-dritt.

Ir-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp bħala kwistjoni ta' prattika tista' tiġi identifikata fir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà (minn hawn 'il quddiem l-IfS)[1] u li huwa l-predeċessur tal-IcSP. L-IfS kien immirata lejn it-twettiq ta' miżuri ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u miżuri ta' kooperazzjoni finanzjarja, ekonomika u teknika ma' pajjiżi terzi[2] u oriġinarjament fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu kien jinkludi operazzjonijiet militari ta' sorveljanza u ta' żamma tal-paċi.[3] Id-dispożizzjoni rilevanti – li aktar tard tneħħiet waqt il-perjodu tan-negozjati tar-Regolament bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament – ġiet inkluża fl-Artikolu 2(a) u taqra kif ġej:

> *"Operazzjonijiet militari għas-sorveljanza u ż-żamma tal-paċi jew l-appoġġ għall-paċi (li jinkludu dawk b'komponent ċivili) li jsiru minn għaqdiet reġjonali u sub-reġjonali u koalizzjonijiet oħra ta' stati li joperaw bil-kunsens tal-Ġnus Magħquda; miżuri biex tinbena l-kapaċità ta' dawn l-għaqdiet u l-membri parteċipanti tagħhom biex jippjanaw, jesegwixxu u jiżguraw kontroll politiku effettiv fuq dawn l-operazzjonijiet."*

## II - L-Artikoli relevanti tat-Trattati

L-Artikolu 209(1) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 212(1) tat-TFUE, fil-Ħames Parti intitolata "L-Azzjoni Esterna tal-Unjoni", huma ppreżentati bħala l-bażi ġuridika fil-Proposta tal-Kummissjoni u jinqraw kif ġej (enfasi miżjuda):

***Artikolu 209 TFUE***
*(ex Artikolu 179 TKE)*

*1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-**proċedura leġislattiva ordinarja**, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, li jistgħu jinvolvu programmi ta' koperazzjoni pluriennali ma' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jew programmi b' approċċ tematiku.[...]*

***Artikolu 212 TFUE***
*(ex Artikolu 181 a TKE)*

*2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-**proċedura leġislattiva ordinarja**, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1. [...]*

Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 212 tat-TFUE jaqra kif ġej (enfasi miżjuda):

strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi, ĠU L 77, 15.3.2014, pp. 1–10.
[1] [2006] ĠU L 327/1.
[2] Artikolu 1(1).
[3] COM(2004) 630 final, "Proposta għal regolament tal-Kunsill li jwaqqaf Strument għall-Istabbiltà", Brussell, 29 ta' Settembru 2004, p. 15.

***Artikolu 212 TFUE***
*(ex Artikolu 181 a TKE)*

*1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattati, u b'mod partikolari dawk tal-Artikoli 208 sa 211, l-Unjoni għandha twettaq miżuri ta' koperazzjoni ekonomiċi, finanzjarji u dawk tekniċi, inkluża l-għajnuna, b'mod partikolari l-għajnuna finanzjarja, ma' pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw.* ***Tali miżuri għandhom ikunu koerenti mal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni u għandhom jitwettqu fil-qafas tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tagħha.*** *L-operazzjonijiet tal-Unjoni u dawk tal-Istati Membri għandhom jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin.*

L-Artikolu 208 tat-TFUE li jagħti l-premessi li fuqhom jistgħu jiġu adottati l-miżuri ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, jaqra kif ġej (enfasi miżjuda):

***Artikolu 208 TFUE***
*(ex Artikolu 177 TKE)*

*1.* ***Il-politika ta' l-Unjoni fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp għandha titwettaq fil-qafas tal-prinċipji u l-objettivi ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni****. Il-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni u dik ta' l-Istati Membri għandhom jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin.*

***L-objettiv prinċipali tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni għandu jkun it-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar****. L-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. [...]*

Minħabba r-riferiment li jsir lura għall-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li nagħtu ħarsa lill-Artikolu 21 tat-TUE (enfasi miżjuda):

***Artikolu 21 TUE:***

*1. L-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tkun gwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha u li hija tfittex li tippromwovi fil-bqija tad-dinja:* ***id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali****. [...]*

*2. L-Unjoni għandha tiddefinixxi u twettaq politika u azzjonijiet komuni, u għandha taħdem sabiex tassigura grad għoli ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali, sabiex:*
*(a) tissalvagwardja l-valuri, l-interessi fundamentali, is-sigurtà, l-indipendenza u l-integrità tagħha;*
*(b) tikkonsolida u tappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali;*
*(c) tippreserva l-paċi, tipprevjeni l-kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skond l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll skond il-prinċipji ta' l-Att Finali ta' Helsinki u skond l-objettivi tal-Karta ta' Pariġi, inklużi dawk dwar il-fruntieri esterni;*

*(d) **taghti appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli fuq il-pjan ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bl-għan primarju li jinqered il-faqar**;*
*(e) tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, permezz tat-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali;*
*(f) tgħin sabiex jiġu żviluppati miżuri internazzjonali sabiex tiġi preservata u mtejba l-kwalità ta' l-ambjent u l-immaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali globali, sabiex jiġi assigurat l-iżvilupp sostenibbli;*
*(g) tgħin lill-popolazzjonijiet, il-pajjiżi u r-reġjuni li jiffaċċjaw diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem; u*
*(h) tippromwovi sistema internazzjonali bbażata fuq koperazzjoni multilaterali msaħħa u t-tmexxija globali tajba.*

*3. **L-Unjoni għandha tirrispetta l-prinċipji u tfittex li twettaq l-objettivi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' l-azzjoni esterna tagħha fl-oqsma differenti koperti minn dan it-Titolu u mill-ħames parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea**, kif ukoll fil-politika l-oħra tagħha fl-aspetti esterni tagħha. **L-Unjoni għandha tara li jkun hemm koerenza bejn l-oqsma differenti ta' l-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politika l-oħra tagħha.** Il-Kunsill u l-Kummissjoni, assistiti mir-Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandhom jassiguraw dik il-koerenza u għandhom jikkoperaw għal dan il-għan.*

L-Artikolu 24(1) tat-TUE ukoll huwa meqjus bħala relevanti għall-analiżi u d-determinazzjoni tal-bażi ġuridika xierqa u jaqra kif ġej (enfasi miżjuda):

***Artikolu 24 TUE***
*(ex Artikolu 11 TUE)*

*1. Il-kompetenza ta' l-Unjoni f'materji ta' politika estera u ta' sigurtà komuni għandha tkopri l-oqsma kollha tal-politika estera u l-kwistjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà ta' l-Unjoni, inkluż it-tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni, li tista' twassal għal difiża komuni.*

*Il-politika estera u ta' sigurtà komuni hija suġġetta għal regoli u proċeduri speċifiċi. **Hija għandha tkun definita u implimentata mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill li jaġixxu unanimament**, ħlief fejn it-Trattati jipprovdu mod ieħor. **L-adozzjoni ta' atti leġislattivi għandha tkun eskluża.** Il-politika estera u ta' sigurtà komuni għandha titwettaq mir-Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Istati Membri, skond it-Trattati. **Ir-rwol speċifiku tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam huwa definit mit-Trattati**. **Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea m'għandhiex ikollha ġurisdizzjoni fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ħlief għall-kompetenza tagħha li tissorvelja l-konformità ma' l-Artikolu 40 ta' dan it-Trattat u sabiex tikkontrolla l-legalità ta' ċerti deċiżjonijiet previsti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 275 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea**. [...]*

L-Artikolu 40 tat-TUE jaqra hekk:

***Artikolu 40 TUE***

*L-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni*

*tal-proċeduri u l-firxa rispettiva tal-kompetenzi ta' l-istituzzjonijiet stabbiliti fit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 E tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.*

*Bl-istess mod, l-implimentazzjoni tal-politika prevista f'dawk l-Artikoli m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa rispettiva tal-kompetenzi ta' l-istituzzjonijiet stabbiliti fit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni taħt dan il-Kapitolu.*

## III - Il-bażi ġuridika proposta

Il-Kummissjoni pproponiet l-Artikoli 209(1) u 212(2) tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika xierqa għall-emendar tar-Regolament (UE) Nru 230/2014. Iż-żewġ dispożizzjonijiet huma inklużi fit-Titolu III dwar "Il-Koperazzjoni mal-Pajjiżi Terzi u l-Għajnuna Umanitarja" fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, li ġabar flimkien dawk li qabel kienu t-Titolu XX (l-Artikoli 177-181 tat-TKE) u t-Titolu XXI (l-Artikolu 181 a tat-TKE) tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u hekk jippermetti lill-Komunità (issa l-Unjoni) twettaq miżuri ta' politika ta' kooperazzjoni kemm ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw (l-Artikoli 177-181 tat-TKE) u kemm ma' pajjiżi żviluppati (Artikolu 181a tat-TKE).

L-għażla tal-bażi ġuridika xierqa kienet kwistjoni rikorrenti fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-rabta bejn il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u l-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u fil-qasam ekonomiku, dak finanzjarju u dak tekniku. Dan minħabba d-differenzi ġuridiċi sostanzjali li hemm bejn is-settijiet ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw lil dawn l-oqsma kif ukoll l-interazzjoni mill-qrib li hemm bejn il-politiki, żviluppati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni bħala kwistjoni ta' prattika. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u fil-qasam ekonomiku, dak finanzjarju u dak tekniku li titwettaq fuq il-bażi tal-mudell tradizzjonali ta' integrazzjoni, li permezz tiegħu l-Parlament Ewropew jipparteċipa fit-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod attiv skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara proposta mill-Kummissjoni u soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.[1] Għall-kuntrarju, skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, il-Kunsill jadotta miżuri prinċipalment b'unanimità, filwaqt li sempliċement iżomm lill-Parlament infurmat, u espressament jeskludi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.[2]

Huwa fuq dan l-isfond li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda li jeżamina l-bażi ġuridika korretta għall-emenda proposta għar-Regolament Nru 230/2014. Għandha l-Unjoni tadotta l-miżura proposta, li tieħu pożizzjoni maqsuma bejn il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u fil-qasam ekonomiku, f'dak finanzjarju u f'dak tekniku u l-politika ta' sigurtà u ta' difiża skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw lil dik tal-ewwel jew skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw lil din tal-aħħar? Ir-risposta għal din il-kwistjoni ġuridika tkun tiddefinixxi mhux biss il-proċedura li għandha tiġi segwita għall-adozzjoni tal-miżura proposta, iżda wkoll il-karatteristiċi u l-implikazzjonijiet ġuridiċi tagħha.

## IV – Il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment qieset il-kwistjoni tal-bażi ġuridika xierqa bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat konferiti (Artikolu 5 TUE) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza

[1] Artikolu 209(1) TFUE
[2] Artikolu 24(1) subparagrafu 2 TUE u Artikolu 275 TFUE.

tal-Unjoni[1]. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "*l-għażla tal-bażi legali ta' att Komunitarju għandha tiġi bbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, fosthom, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att*".[2] Għalhekk, l-għażla ta' bażi ġuridika żbaljata tista' tiġġustifika t-tħassir tal-miżura kkonċernata. F'dan il-kuntest, ix-xewqa ta' istituzzjoni li jkun hemm parteċipazzjoni aktar attiva fl-adozzjoni ta' miżura partikolari, f'liema ċirkostanzi miżura ġiet adottata, kif ukoll il-ħidma li saret f'aspetti oħra fl-ambitu ta' azzjoni kopert minn miżura partikolari huma irrelevanti biex tiġi identifikata l-bażi ġuridika korretta.[3]

Fil-każ li eżami ta' miżura juri li għandha skop doppju jew li għandha komponent doppju u jekk wieħed minn dawn ikun identifikabbli bħala l-iskop jew il-komponent ewlieni jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun biss inċidentali, dik il-miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew il-komponent ewlieni jew predominanti[4]. Madankollu, fejn miżura ssegwi għadd ta' objettivi jew komponenti fl-istess ħin, li jkunu marbuta bejniethom b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun sekondarja u indirett meta mqabbel mal-ieħor/mal-oħrajn, tali miżura għandha tkun ibbażata fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti,[5] jekk il-proċeduri previsti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli mad-dritt tal-Parlament Ewropew u ma jimminawhx.[6]

## V – L-għan u l-kontenut tal-miżura proposta

Din il-Proposta, kif tiddikjara l-Kummissjoni fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha, għandha l-għan li ddaħħal "*Artikolu ġdid fit-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 230/2014 sabiex testendi l-assistenza tal-Unjoni f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni biex jintużaw biex jibnu l-kapaċità ta' atturi militari f'pajjiżi sħab* ***sabiex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u b'mod partikolari l-kisba ta' soċjetajiet paċifiċi u inklussivi***".[7] Skont il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni, l-objettivi ġenerali ta' din l-inizjattiva huma tnejn: minn naħa, li jiġi ggarantit li l-għajnuna għall-iżvilupp mingħand l-UE lill-pajjiżi fraġli fil-fażi tal-iżvilupp ma tiġix imdgħajfa minn sitwazzjonijiet ta' instabbiltà u kunflitt, billi l-atturi kollha tas-sigurtà, inkluż il-militar, jingħataw il-possibilità li jiżguraw l-istabbiltà, il-paċi u l-ordni pubbliku; min-naħa l-oħra, li jingħata appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli fuq il-pjan ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bl-għan primarju li jinqered il-faqar.[8]

F'dan il-kuntest, il-premessa 3 tiddisponi li l-appoġġ lill-atturi tas-settur tas-sigurtà, inkluż il-militar f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, f'kuntest ta' prevenzjoni ta' konflitti, ġestjoni ta' kriżijiet jew stabbilizzazzjoni huwa essenzjali biex jiżgura l-kundizzjonijiet xierqa għall-iżvilupp u l-qerda tal-faqar. Hija tenfasizza wkoll li dawk l-azzjonijiet huma mmirati biex jipproteġu l-

[1] *Opinjoni 2/00* [2001] Ġabra I-9713, punt 5.
[2] Kawża C-45/86, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* (Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati) [1987], Ġabra 1439, punt 5; Kawża C-411/06, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Parlament u l-Kunsill* [2009], Ġabra I-7585.
[3] Kawża C-269/97, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* [2000], Ġabra I-2257, punt 44.
[4] Kawża C-137/12, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill*, EU:C:2013:675, punt 53; Kawża C-490/10, *Il-Parlament* vs *Il-Kunsill*, EU:C:2012:525, punt 45; Kawża C-155/07, *Il-Parlament* vs *Il-Kunsill* [2008], Ġabra I-08103, punt 34.
[5] Kawża C-211/01, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* [2003], Ġabra I-08913, punt 40; Kawża C-178/03, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Parlament u l-Kunsill* [2006], Ġabra I-107, punti 43 sa 56.
[6] Kawża C-300/89, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* ("Dijossidu tat-titanju") [1991], Ġabra I-2867, punti 17 sa 25; Kawża C-268/94, *Il-Portugall* vs *Il-Kunsill* [1996], Ġabra I-6177.
[7] COM(2016)447 final, p. 2.
[8] SWD(2016)222 final, p. 16.

popolazzjonijiet ċivili fiż-żoni affettwati minn kunflitt, kriżijiet jew fraġilità, jikkontribwixxu għal governanza tajba u kontroll demokratiku effikaċi kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Il-premessi 2, 4 u 5 jtennu r-rabta qawwija li hemm bejn is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli, billi jagħmlu referenza għal dak l-iskop għall-Aġenda tal-2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli,[1] għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Diċembru 2013 u għall-Komunikazzjoni Konġunta dwar "It-tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex jitwieżnu s-sigurtà u l-iżvilupp - L-għoti tas-setgħa lis-sħab sabiex jipprevjenu u jiġġestixxu l-kriżijiet".[2]

B'mod speċifiku, il-proposta tiddisponi li l-assistenza mill-Unjoni għall-atturi tas-sigurtà jista' jkun li tinkludi atturi militari f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fil-kuntest ta' proċess ta' riforma usa' tas-sigurtà u b'konformità **mal-għan ġenerali tal-ksib ta' żvilupp sostenibbli** (subparagrafu ġdid fl-Artikolu 1(2)). L-Artikolu 3a jtenni fl-ewwel paragrafu l-objettiv li biex tikkontribiwxxi lejn żvilupp sostenibbli u l-kisba ta' soċjetajiet stabbli, paċifiċi u inklussivi, l-assistenza tal-Unjoni tista' tintuża f'ċirkostanzi eċċezzjonali biex tibni l-kapaċità ta' atturi militari f'pajjiżi. Il-paragrafu 2 jagħti l-eżempju li l-assistenza mill-Unjoni għal dak il-għan jenħtieġ li tieġu s-sura ta' programmi ta' bini ta' kapaċità b'appoġġ għas-sigurtà u l-iżvilupp, inklużi taħriġ, mentoring u pariri, kif ukoll bil-forniment ta' tagħmir, titjib tal-infrastruttura u l-forniment ta' servizzi oħra. Din il-forma ta' assistenza għandha tintuża **bħala l-aħħar miżura**, meta r-rikors għal atturi mhux militari ma jistax jiggarantixxi b'mod adegwat l-ilħuq ta' sitwazzjoni fejn is-soċjetajiet ikunu stabbli, paċifiċi u inklussivi. Dan ser ikun il-każ jew meta jkun hemm theddida serja għall-eżistenza ta' istituzzjonijiet Statali li jkunu qed jiffunzjonaw kif ukoll għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew meta l-istituzzjonijiet Statali ma jkunux għadhom jifilħu jlaħħqu ma' din it-theddida serja; u bil-kundizzjoni li jkun jeżisti ftehim bejn il-pajjiż ikkonċernat u l-komunità internazzjonali u/jew l-Unjoni Ewropea li l-militar huwa kruċjali għall-istabbiltà, il-paċi u l-iżvilupp, b'mod partikolari f'kuntesti u sitwazzjonijiet fraġli u ta' kriżijiet. Il-paragrafu 4 jkompli jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-assistenza militari billi jiddisponi li hija ma għandhiex tintuża biex tiffinanzja, la nfiq militari rikorrenti, la l-akkwist ta' armi u munizzjon u lanqas it-taħriġ imfassal esklussivament biex jikkontribwixxi għall-kapaċità ta' ġlied tal-forzi armati. Fl-aħħar, il-paragrafu 5 jtenni li l-assistenza militari jenħtieġ li tkun immirata lejn il-promozzjoni tas-sjieda mill-pajjiż sieħeb u l-iżvilupp tal-elementi neċessarji u l-prattiki tajba meħtieġa għall-iżgurar tas-sostenibbiltà għall-futur medju u fit-tul, u jenħtieġ li tippromwovi tal-istat tad-dritt u l-prinċipji stabbiliti tad-dritt internazzjonali.

Emendi minuri oħra lill-Artikoli 7(1), 8(1) u 10(1) tal-IcSP huma mmirati sabiex jiddaħħlu kontroreferenza għall-Artikolu 3(a) il-ġdid. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 13(1) huwa emendat biex iżid il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tar-Regolament b'EUR 100 000 000.

## V - L-analiżi u determinazzjoni tal-bażi ġuridika xierqa

Il-Kummissjoni pproponiet l-Artikoli 209(1) u 212(2) tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika xierqa għall-emendar tar-Regolament (UE) Nru 230/2014. Skont l-Artikolu 209(1) tat-TFUE, il-koleġiżlaturi tal-Unjoni, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, li skont l-Artikolu 208(1) tat-TFUE għandha titwettaq fil-qafas tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u li l-objettiv prinċipali tagħha hu it-tnaqqis u,

[1] In-Nazzjonijiet Uniti, A/RES/70/1, Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015.
[2] JOIN(2015) 17 final, tat-28 ta' April 2015

eventwalment, il-qerda tal-faqar. Il-qerda tal-faqar tikkostitwixxi objettiv, li huwa previst ukoll mill-Artikolu 21(2) tat-TUE – id-dispożizzjoni ġenerali dwar il-firxa kollha kemm hi tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. Meta qed jiġbed l-attenzjoni lejn dan l-objettiv speċifiku, l-Artikolu 208(1) tat-TFUE jidher li qed jissuġġerixxi li l-objettivi l-oħra spjegati fl-Artikolu 21(2) tat-TUE jistgħu jiġu segwiti permezz ta' miżuri ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, iżda biss sakemm dawn huma sekondarji. [1]

L-ambitu wiesa' ta' fehim tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, f'dak li għandu x'jaqsam mal-Ftehimiet ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp (DCA), ġie kkonfermat fil-Kawża *Il-Portugall* vs *Il-Kunsill*, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li (enfasi miżjuda):[2]

> *"It must therefore be held that the fact that a development cooperation agreement contains clauses concerning various specific matters cannot alter the characterisation of the agreement,* ***which must be determined having regard to its essential object and not in terms of individual clauses****, provided that* ***those clauses do not impose such extensive obligations*** *concerning the specific matters referred to* ***that those obligations in fact constitute objectives distinct from those of development cooperation****." ("Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-preżenza, fi ftehim ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, ta' klawżoli li jirrigwardaw diversi materji speċifiċi ma tistax timmodifika l-kwalifikazzjoni tal-ftehim,* ***li għandu jiġi determinat b'kunsiderazzjoni tal-għan essenzjali tiegħu, u mhux skont klawżoli individwali****, sakemm* ***dawk il-klawżoli ma jimponux obbligi tant estensivi*** *dwar il-materji speċifiċi msemmija* ***li dawk l-obbligi jikkostitwixxu fir-realtà objettivi distinti minn dawk tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp****.")*

Fil-kawża C-403/05, *Il-Parlament* vs *Il-Kummissjoni*, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat mill-ġdid li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp kienet tirreferi (enfasi miżjuda):[3]

> *"****mhux biss [għal]l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi****, l-inklużjoni armonjuża u progressiva tagħhom fl-ekonomija globali kif ukoll il-ġlieda kontra l-faqar,* ***iżda wkoll [għal]l-iżvilupp u t-tisħiħ tad-demokrazija u ta' l-Istat tad-Dritt kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali****, dejjem b'rispett għall-impenji meħuda fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra".*

Skont in-nota mħejjija mis-Servizz Legali tal-Parlament fl-2004 dwar l-għażla tal-bażi ġuridika tal-predeċessur tal-IcSP – li oriġinarjament kien fih dispożizzjoni simili dwar il-bini tal-kapaċità militari f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali:[4]

> *"il-miżuri relatati maż-żamma tal-paċi u mal-appoġġ għall-paċi jistgħu b'mod ċar jitqiesu bħala li jikkontribwixxu għall-objettiv tal-iżvilupp tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt. Id-diċitura tal-Artikoli 179 (issa 209(1) TFUE) u 181a (issa 212(2) tat-TFUE) tat-Trattat KE ma teskludix l-iffinanzjar taż-żamma tal-paċi bil-għan li jiġu*

[1] Ara Kawża C-91/05, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill (ECOWAS)* [2008], Ġabra I-3651, punt 73. Ara wkoll Kawża C-377/12 *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* [2014] ECLI:EU:C:2014:1903, punt 37; P. Koutrakos, *The EU Common Security and Defence Policy (Il-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni tal-UE)*(2013 OUP), p. 211-212.
[2] Kawża C-268/94, *Ir-Repubblika tal-Portugall* vs *Il-Kunsill* tal-Unjoni Ewropea [1996] Ġabra I-6177, punt 39.
[3] Kawża C-403/05 *Il-Parlament* vs *Il-Kummissjoni* [2007] Ġabra I-9045, punt 56;
[4] SJ-0746/04, p. 7.

*ssodisfati l-objettivi tagħhom. Barra minn hekk, il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li l-politika ta' żvilupp tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi interpretata f'sens wiesa'.[1]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]*

Is-servizz Legali tal-Parlament ikkonferma, fin-nota tiegħu tas-6 ta' Jannar 2017, li ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li fihom jiġu pprovduti miżuri ta' Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għas-Sigurtà u l-Iżvilupp (CBSD) skont l-IcSP emendat jistgħu jippermettu interpretazzjoni alternattiva, skont liema interprettazzjoni l-komponent militari fl-Artikolu 3a huwa kemm inċidentali kif ukoll meħtieġ. Dan narawh ikompli jiġi sostnut mill-esklużjoni tal-appoġġ ta' natura strettament militari skont l-Artikolu 3a(4), li tista' tiġi msaħħaħ ulterjorment billi tiġi stabbilita b'mod espliċitu rabta aktar mill-qrib mal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni.[2] Kif ikkonfermat fin-nota tat-2 ta' Frar 2017 tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar il-bażi ġuridika fil-proċedura Nru 2016/0207 (COD) li nħarġet fuq talba tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-proposta ssegwi objettiv ta' żvilupp permezz ta' atturi involut addizzjonali – il-militar – fiċ-ċirkostanzi limitati fejn l-attur ma jaġixxix fil-kapaċità militari tiegħu, peress li jsegwi biss objettivi ċivili.[3]

Skont il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-28 ta' April 2015 dwar "It-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet sabiex jitwieżnu s-Sigurtà u l-Iżvilupp"[4] it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fis-settur tas-sigurtà jista' jiġi ffukat fuq il-forzi ċivili jew tal-pulizija iżda wkoll fuq il-militar. L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà tal-2003 tistipula li s-sigurtà hi prekondizzjoni għall-iżvilupp, peress li l-kunflitt jeqred l-infrastruttura, inkluża l-infrastruttura soċjali, filwaqt li jinkoraġġixxi l-kriminalità u jiskoraġġixxu l-investiment u l-attività ekonomika normali.[5] Fl-aħħar nett, skont il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-objettiv essenzjali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp huwa l-qerda tal-faqar fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li dan tal-aħħar ikun jinkludi **"il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-aspetti politiċi, ekonomiċi, soċjali u ambjentali"** [traduzzjoni mhux uffiċjali].[6] Barra minn hekk, il-Kunsens Ewropew huwa maħsub sabiex "*jiggwida l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-komponent ta' assistenza għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-istrumenti u tal-istrateġiji ta' kooperazzjoni kollha tal-Komunità mal-pajjiżi terzi*" [traduzzjoni mhux uffiċjali] – fejn il-komponent tal-assistenza għall-iżvilupp huwa "*ddefinit bħala kull għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) kif ikun qabel dwarha l-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD*". [traduzzjoni mhux uffiċjali][7] Skont id-Direttivi riveduti tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA), l-iffinanzjar tal-militar tal-pajjiżi sħab huwa possibbli biss meta ċirkostanzi eċċezzjonali jeħtieġu t-twettiq ta' servizzi ta' żvilupp permezz tal-militar fir-rwol tiegħu li bih jistabbilixxi mill-ġdid l-istat tad-dritt. B'kuntrast ma' dan, il-parteċipazzjoni diretta fin-nefqiet militari għadha mhix eliġibbli.[8] B'riżultat ta' dan, is-sitwazzjoni fejn l-istituzzjonijiet Statali ma jkunux għadhom jiffunzjonaw biex tkun tista' tintlaħaq sitwazzjoni fejn is-soċjetajiet ikunu paċifiċi u inklussivi ma tkunx koperta mid-Direttivi riveduti tal-ODA u r-Regolament propost kien tal-fehma li huwa possibbli li wieħed

---

[1] Ara Kawża C-268/94 *Ir-Repubblika tal-Portugall* vs *Il-Kummissjoni* [1996] Ġabra I-6177, punt 37.
[2] SJ-0729/16, p. 10.
[3] Sj.i(2017)303958, p. 2.
[4] Ara JOIN(2015) 17 final.
[5] Ara *A Secure Europe in a Better World – European Security Strategy* (*Ewropa Sigura f'Dinja Aħjar – l-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà*") (Brussell, 12 ta' Diċembru 2003), p. 11-13.
[6] ĠU 2006 C 46/1, paragrafi 5, 7 u 42. Ara wkoll Kawża C-377/12, *Opinjoni ta' AG Mengozzi* (2014), punt 40.
[7] ĠU 2006 C 46/1, paragrafu 8.
[8] Ara d-Direttivi dwar ir-Rappurtar tas-17 ta' Frar 2016, dokument tal-OECD DCD/DAC(2016)3/FINAL tat-8 ta' April 2016, paragrafi 96-98.

imur lil hinn mill-ODA bl-użu tal-militar bħala fornitur għas-servizzi ta' żvilupp.[1] Minn perspettiva ġuridika, id-Direttivi tal-ODA ma jikkostitwixxux, bħala tali, limiti legalment vinkolanti għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 208 tat-TFUE u r-Regolament dwar l-IcSP ma jissottomettix l-implimentazzjoni tiegħu għal tali kundizzjonalità tal-ODA.[2]

Madankollu, kif hemm rikonoxxut fil-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuża mal-proposta, il-bini tal-kapaċitajiet militari u tad-difiża għal skopijiet mhux relatati mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-fatt ikun jidħol fuq il-qasam tal-PESK, u jkun qed jikser ukoll l-Artikolu 40 tat-TUE, li introduċa l-prinċipju tan-**"non-interferenza reċiproka"** bejn l-azzjonijiet esterni tal-Unjoni li huma tal-PESK u dawk li mhumiex tal-PESK.[3] Bl-istess mod, miżura li tiffoka primarjament fuq il-finanzjament tal-militar ta' pajjiżi terzi għal finijiet relatati mad-difiża, jenħtieġ li taqa' taħt il-PESK tal-tal-Unjoni u ma tistax tiġi kkombinata ma' bażi ġuridika li mhix tal-PESK. Dan ġie kkonfermat fil-kawża tal-Qorti C-263/14, *il-Parliament* vs *il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*,

> *"Fir-rigward tal-atti adottati fuq il-bażi ta' dispożizzjoni dwar il-politika estera u ta' sigurtà komuni, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiżgura, b'mod partikolari, abbażi tal-ewwel parti tas-sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 275 TFUE u tal-Artikolu 40 TUE, li l-implementazzjoni ta' din il-politika ma tkunx taffettwa l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-portata rispettiva tal-poteri tal-istituzzjonijiet previsti mit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni skont it-Trattat FUE. L-għażla tal-bażi legali adatta ta' att tal-Unjoni għandha importanza ta' natura kostituzzjonali, peress li r-rikors għal bażi legali żbaljata jista' jinvalida tali att, b'mod partikolari, meta l-bażi legali adatta tkun tipprovdi proċedura ta' adozzjoni differenti minn dik li effettivament ġiet segwita." Skont il-każistika stabbilita, "L-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni,[...] għandha tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, fosthom l-iskop u l-kontenut ta' dan l-att."*[4]

Fuq dawn il-linji, il-komponent militari tar-Regolament propost jenħtieġ li jitqies fil-kuntest usa' tal-objettivi u tal-kontenut tal-IcSP. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jittieħed kont tal-karattru ta' "l-aħħar miżura" tar-riforma proposta u l-okkażjonijiet strettament delineati li fihom ir-rikors għall-assistenza militari jista' jkun li jitqies bħala l-uniku mezz effettiv biex jingħata kontribut biex tintlaħaq sitwazzjoni fejn is-soċjetajiet ikunu paċifiċi u inklużivi. Barra minn hekk, il-proposta tipprojbixxi l-assistenza mill-Unjoni għall-finanzjament ta' taħriġ militari maħsub biex jikkontribwixxi esklussivament għall-kapaċità ta' ġlied tal-forzi armati, għall-infiq militari rikorrenti u għall-akkwist ta' armi u munizzjon, li jista' jiġi sostnut li huwa indikazzjoni tal-għan tal-proposta li jingħata kontribut għas-sigurtà u s-sikurezza tal-popolazzjonijiet ċivili f'pajjiżi terzi.[5] Din il-possibbiltà hija jerġa' ristretta wkoll permezz tal-obbligu li l-Kummissjoni tistabbilixxu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tar-riskju, ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni għall-miżuri (il-paragrafu 6 tal-istess dispożizzjoni). Il-modalitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni huma stipulati wkoll fl-Artikoli 12 u 13 tar-

---

[1] Ara Sj.i(2017)303958, p. 3.
[2] SJ-0729/16, paragrafi 7-8.
[3] Ara P. van Elsuwege,'EU External Action after the Collapse of the Pillar Structure: in Search of a new Balance between Delimitation and Consistency' (L-Azzjoni Esterna tal-UE wara l-Waqa' tal-Istruttura tal-Pilastri: Tfittxija għal Bilanċ ġdid bejn id-Delimitazzjoni u l-Konsistenza"), 47 *Common Market Law Review* 2010, p. 1002.
[4] Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2016, *Il-Parlament* vs *Il-Kunsill*, C-263/14, ECLI:EU:C:2016:435, punti 42-43.
[5] Għal raġunament simili min-naħa tas-servizz legali tal-Parlament fil-kuntest tal-Istrument ta' Stabbilità, il-predeċessur tal-IcSP, ara: SJ-0746/04, p. 7.

Regolament (UE) Nru 236/2014 li japplika għall-istrumenti kollha ta' finanzjament tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż l-IcSP.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jista' jiġi argumentat li r-Regolament propost għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u biex jintlaħaq stat fejn is-soċjetajiet ikunu stabbli, paċifiċi u inklussivi permezz ta' governanza tajba fl-amministrazzjoni pubblika, inklużi l-ministeri tad-difiża u l-forzi armati – li jiffurmaw parti integrali tal-fergħa eżekuttiva tal-Gvern – għalkemm, taħt kontroll ċivili u f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn sitwazzjoni ta' żvilupp sostenibbli ma tistax tintlaħaq biss permezz tar-rikors għal atturi mhux militari.

**<u>VII - Konklużjoni u rakkomandazzjoni</u>**

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, għalkemm il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi obbligi mmirati lejn l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba permezz tal-kontroll u s-sorveljanza ċivili msaħħa fuq il-militar fil-pajjiżi terzi u b'hekk hija marbut mal-PESK u mal-PSDK, hija madankollu għandha bħala l-objettivi prinċipali u predominanti tagħha l-politiki tal-iżvilupp u tal-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika li jiffokaw fuq il-kontribut għal soċjetajiet paċifiċi u inklużivi meqjusa bħala indispensabbli għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli. Peress li dawn l-objettivi primarji huma marbuta bejniethom b'mod li ma jistax jinħall, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett f'relazzjoni mal-ieħor,[1] l-Artikolu 209(1) flimkien mal-Artikolu 212(2) tat-TFUE jenħtieġ li jikkostitwixxu l-bażi ġuridika valida u xierqa għall-proposta.
Waqt il-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Lulju 2017 il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant iddeċieda, b'10 voti favur, 7 voti kontra, u 6 astensjonijiet[2], li jirrakkomandalkom li l-bażi ġuridika korretta għar-Regolament propost tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (COM(2016)2) hija l-Artikolu 209(1) u l-Artikolu 212(2) tat-TFUE.

Dejjem tiegħek,

Pavel Svoboda

[1] Ara l-Kawża C-411/06 *Il-Kummissjoni* vs *Il-Parlament u l-Kunsill* [2009] Ġabra I-7585.

[2] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Pavel Svoboda (President), Jean-Marie Cavada (Viċi President, rapporteur), Mady Delvaux (Viċi President), Lidia Joanna Geringer de Oedenberg (Viċi President), Axel Voss (Viċi President), Isabella Adinolfi, Max Andersson, Joëlle Bergeron, Marie-Christine Boutonnet, Lynn Boylan, Daniel Buda, Angel Dzhambazki, Kostas Chrysogonos, Rosa Estaràs Ferragut, Heidi Hautala, Mary Honeyball, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Gilles Lebreton, António Marinho e Pinto, Angelika Niebler, Evelyn Regner, Tiemo Wölken, Tadeusz Zwiefka.